# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **954/2021**

## STEVE AGIUS (KI 227693M)

**VS**

## CARMEL SIVE CHARLES DEGUARA (KI 0760638M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrent preżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-intimat jiġi dikjarat debitur tar-rikorrent fis-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000), u jiġi ordnat iħallas lir-rikorrent l-istess somma.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021, **Steve Agius** ippremetta:

   a. *Illi nhar it-30 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), il-partijiet odjerni daħlu fi skrittura privata, hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;*

   b. *Illi permezz ta' din l-iskrittura d-debitur intimat ikkostitwixxa ruħu debitur veru, ċert u likwidu a favur tal-kreditur rikorrent għas-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000);*

   c. *Illi din is-somma ġiet mogħtija lid-debitur b'self brevi manu f'diversi pagamenti;*

   d. *Illi d-debitur obbliga ruħu li jħallas dan l-ammont sħiħ mingħajr imgħax sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);*

   e. *Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-intimat u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

   f. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrent, l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrent;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   ii. *Tiddikjara illi Carmel sive Charles Deguara debitur tar-rikorrent Steve Agius għas-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) ai termini tal-iskrittura privata hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;*

iii. *Tikkundanna lil Carmel sive Charles Deguara sabiex iħallas lir-rikorrent Steve Agius is-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) bl-imgħaxijiet skont il-liġi mill-31 ta' Marzu 2021, u dan għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-intimat.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2021, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, tmintax (18) ta' Novembru 2021, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tar-rikorrent, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

5. Il-Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mid-difensur tal-konvenut waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021, kif ukoll is-sottomissjonijiet mid-difensur tal-attur, dehrilha illi l-konvenut kellu difiża x'jagħti għat-talbiet attriċi, u għalhekk ikkonċediet lill-konvenut terminu ta' għoxrin (20) jum sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2021, **<u>Carmel sive Charles Deguara</u>** eċċepixxa illi:

   a. *Fl-ewwel lok, sejjer jirriżulta illi l-imsemmija skrittura tat-30 ta' Diċembru tal-2020 hija nulla, invalida u bla effetti għall-finijiet kollha tal-liġi stante illi l-kunsens tal-esponenti fuq l-istess skrittura kien wieħed ivvizzjat peress illi dan ġie meħud b'theddid u vjolenza, tant filfatt illi saħansitra r-rikorrenti ġiegħel lill-esponenti jassumi wkoll xi dejn ta' ħaddieħor;*

   b. *Fit-tieni lok iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi minkejja illi l-iskrittura hija nulla kif fuq ingħad, sejjer jirriżulta illi l-intimat għadda xi flejjes lir-rikorrenti, liema flejjes l-esponenti jirriserva illi jitlob lura fi proċeduri li jinfetħu 'l quddiem;*

c. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

d. *Mill-bqija, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra r-rikorrenti.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021, u d-dokument anness miegħu;

8. Rat id-dokument esebit mill-intimat waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Novembru 2021, immarkat **Dok CB1** a fol 11 tal-proċess;

9. Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat datata sitta (6) ta' Diċembru 2021;

10. Rat illi, wara li ħadet konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-konvenut, dehrilha illi għandu jkun hemm l-inverżjoni tal-provi;

11. Rat l-affidavit tal-intimat **Carmel sive Charles Deguara** a fol 18 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Gilbert Dimech**, prodott mill-konvenut, waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2022[1];

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Dorianne Arapa**, prodotta mill-konvenut, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022[2];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 34 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 49 *et seq* tal-proċess

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar James Grech**, prodott mill-konvenut, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022[3];

15. Rat id-digriet tagħha stess illi permezz tiegħu laqgħet it-talba magħmula mill-kovenut waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2022 sabiex jiġi allegat il-Mandat t'Inibizzjoni Nru 1439/21/1 RGM fl-ismijiet tal-kawża odjerna, u rat l-atti tal-mandat t'inibizzjoni kif allegati;

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **PS 1037 Saviour Mifsud** prodott mill-konvenut waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[4];

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Johanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, prodotta mill-konvenut waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[5], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok JB1** a fol 86 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Dorianne Arapa**, prodotta mill-konvenut waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[6];

19. Rat l-affidavit ta' **Steve Agius** immarkat bħala **Dok AF** a fol 216 tal-proċess, kif ukoll l-ittra datata 9 ta' Settembru 2019 mibgħuta minn Larson Pisani bħala Manager fl-uffiċju tal-Ħaddiem tax-Xatt ġewwa Trasport Malta (**Dok SA1** a fol 219 tal-proċess) u dikjarazzjoni *causa mortis* datata 12 ta' Novembru 2019 ippubblikata fl-atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa (**Dok SA2** a fol 220 *et seq* tal-proċess), esebiti mill-istess rikorrent;

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenut **Carmel Deguara**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023[7];

---

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 58 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 78 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 83 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 213-214 tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 225 *et seq* tal-proċess

21. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-konvenut **Carmel sive Charles Deguara**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2023[8];

22. Rat id-dokument esebit mill-konvenut u mmarkat **Dok X1**, a fol 271-273 tal-proċess;

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Gilbert Dimech** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2023[9];

24. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Martin Spiteri** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Ġunju 2023[10], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MS1** a fol 307 tal-proċess;

25. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Steve Agius**, prodott mill-konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju 2023[11];

26. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Steve Agius**, prodott mill-konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023[12];

27. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datat tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar 2024 (a fol 369 *et seq* tal-proċess);

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024 (a fol 383 *et seq* tal-proċess);

29. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

30. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 246 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 288 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 304 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 309 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 334 *et seq* tal-proċess

**Konsiderazzjonijiet Legali**

31. Il-partijiet fil-każ odjern prattikament m'huma qed jaqblu dwar l-ebda fatt allegat mill-parti l-oħra, ħlief dwar punt wieħed: illi r-rikorrent sellef *brevi manu* somma flus lill-intimat;

32. Min-naħa l-waħda, ir-rikorrent **Steve Agius** isostni fl-affidavit tiegħu[13] illi:

   a. Huwa sellef lill-intimat €10,000 mingħajr imgħax fl-2019, liema dejn ġie saldat fis-sena 2020 permezz ta' seba' ċekkijiet ta' €1,000 kull wieħed, u €3,000 fi flus kontanti;

   b. Sussegwentement, f'Novembru 2019, sellef lill-intimat €60,000 fi flus kontanti, liema flus l-intimat qallu illi kellu l-intenzjoni jinvestihom;

   c. Finalment, f'Jannar / Frar 2020, sellef lill-intimat €29,000 sabiex iħallas taxxa dovuta mis-self l-ieħor;

   d. Minn dawn id-€89,000 ma tħallas xejn, u kien għalhekk illi sar l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu illi a bażi tiegħu ġiet intavolata l-kawża odjerna. Skont il-kostituzzjoni ta' debitu, ma kellux ikun dovut imgħax fuq id-dejn dovut mill-intimat lir-rikorrent;

33. Min-naħa l-oħra, l-intimat **Carmel Deguara** jsostni fl-affidavit tiegħu[14] illi:

   a. Fit-8 ta' Novembru 2019, huwa ssellef mingħand Agius is-somma ta' €25,00 fi flus kontanti, b'imgħax ta' €15,000 illi kellhom jitħallsu fi żmien sitt xhur;

[13] **Dok AF** a fol 216 *et seq* tal-proċess
[14] A fol 18 *et seq* tal-proċess

b. Wara li għalqu sitt xhur minn meta tah il-flus, Agius riedhom fi flus kontanti, iżda l-intimat seta' jagħtih biss ċekk. Għaldaqstant Agius qallu li kien se jibqa' jżomm €2,500 fix-xahar f'imgħax;

c. Eventwalment, Steve Agius sellfu €10,000 oħra, b'€5,000 imgħax. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat jgħid illi dan seħħ f'Marzu 2020, iżda eventwalment fix-xhieda tiegħu mbagħad jgħid illi l-flus issellifhom fit-18 ta' Mejju 2020, u dan kif jirriżulta anke mid-**Dok X1** esebit mill-istess intimat[15];

d. Nel frattemp, l-intimat għadda lir-rikorrent għaxar ċekkijiet t'€1,000 kull wieħed, datati Jannar sa Ottobru 2020, illi minnhom ir-rikorrent sarraf sebgħa;

e. Finalment, Steve Agius sellfu l-aħħar €10,000, b'€5,000 oħra imgħax. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat jgħid illi dan seħħ f'Ġunju 2020, iżda eventwalment fix-xhieda tiegħu jgħid illi l-flus issellifhom fit-2 ta' Lulju 2020, u dan kif jirriżulta anke mid-**Dok X1** esebit mill-istess intimat[16];

f. F'Diċembru 2020, l-intimat iffirma att ta' kostituzzjoni ta' debitu, illi fih ikkostitwixxa ruħu debitur veru, ċert u likwidu a favur ir-rikorrent versu s-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000), għaliex beża' li r-rikorrent kien ser ikun vjolenti fil-konfront tiegħu jekk ma jiffirmax;

g. Baqgħu jsiru dovuti €2,500 fix-xahar sa Awwissu 2021, meta l-intimat jgħid illi r-rikorrent beda jġiegħlu jħallas €3,500 fix-xahar;

h. Skont **Dok X1** esebit mill-intimat, l-intimat qiegħed isostni illi huwa għadda lill-intimat is-somma kumplessiva ta' €66,000; madanakollu, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami[17], jgħid illi huwa għadda lill-intimat is-somma kumplessiva ta' €62,000;

---

15 A fol 271 *et seq* tal-proċess
16 Ibid.
17 A fol 232-233 tal-proċess

i. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat jgħid illi s-somma ta' €89,000 pretiża mir-rikorrenti tkopri s-segwenti:
    i. €45,000 rappreżentanti flus mislufa lill-intimat mir-rikorrent;
    ii. €15,000 rappreżentanti imgħax fuq is-somma ta' €45,000;
    iii. €20,000 rappreżentanti flus mislufa lil terz (Gilbert Dimech) mir-rikorrent;
    iv. €9,000 rappreżentanti imgħax fuq is-somma ta' €20,000.

<u>Is-Somma Mislufa</u>

34. Primarjament, għandu jiġi mfakkar illi l-mertu tal-kawża odjerna, li fuqu qed jiġu bbażati t-talbiet, jiċċentra ma' pretensjoni ta' kreditur, cioe r-rikorrent Steve Agius, għal ħlas mingħand debitur, cioe l-intimat Carmel Deguara. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rosario Cortis vs Angelo Farrugia et***[18]:

> *27. Fir-rigward tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti, jitqies xieraq li jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova f'kawża fejn kreditur qiegħed jippretendi ħlas mingħand id-debitur, huwa proprju fuq l-attur. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Il-Kaptan Stojsic Branislav v. Philip Degiorgio et*** *(kkonfermata minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023):*
>
> *"Bħala kreditu imiss lill-attur li jipprova l-ħolqien tad-debitu, li dan id-debitu għadu dovut u li d-debitur baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi mwettqa u sodisfatta din il-prova li mbagħad il-piż tal-prova jdur fuq il-konvenut li jallega l-ħlas. Dan skont il-prinċipju li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu:*

[18] Rik Nru 8/2019/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 10 t'Ottubru 2023

> *"Qua kreditrici, l-attriċi hi fid-dmir li tipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitriċi tagħha baqgħet inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tieghu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, 'fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, ċioe`, l-attur l-esiġibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur - Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970".*

35. Il-fatt illi ġew mislufa flus mir-rikorrent lill-intimat mhux qed jiġi kontestat, iżda dak illi qed jiġi kontestat huwa l-ammont illi ġie misluf. Filwaqt illi r-rikorrent isostni illi l-ammont misluf kien fis-somma ta' €89,000, l-intimat isostni illi l-ammont misluf lilu kien fis-somma ta' €45,000, stante illi s-somma indikata fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kienet tinkludi wkoll imgħax b'użura u dejn illi kien dovut lir-rikorrent minn terza persuna;

36. L-unika prova illi ġab ir-rikorrent tal-allegazzjoni tiegħu illi sellef lill-intimat is-somma ta' €89,000 hija l-kelma tiegħu, kif ġuramentata fl-affidavit tiegħu[19] u fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami[20]. Ir-rikorrent isostni wkoll illi huwa għadda din is-somma lill-konvenut mill-flus illi wiret wara l-mewt ta' missieru, iżda ressaq biss bħala prova ittra illi tgħid illi huwa kien irċieva somma ta' €77,005.83 rappreżentanti *death benefits* wara l-mewt ta' missieru[21]. Għalkemm isostni illi l-kumplament tal-flus illi huwa

[19] A fol 216 *et seq* tal-proċess
[20] A fol 309 *et seq* tal-proċess
[21] **Dok SA1** a fol 219 tal-proċess

allegatament għadda lill-intimat kien minn flus kontanti illi missieru kien iżomm fid-dar[22], ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova ta' dan. Il-Qorti kienet tippretendi illi mill-inqas tinġab prova aktar ċara u konkreta, imqar mill-eredi l-oħra, tal-fatt illi r-rikorrent kellu aċċess għal somma daqstant sostanzjali, b'mod partikolari tenut kont illi saħansitra mill-ewwel dokument esebit mill-intimat bħala **Dok CB1** a fol 11 tal-proċess, l-intimat kien diġa jidher illi qed jallega illi l-flus lilu mislufa kienu ġejjin minn attivita' ta' *money-laundering*. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tindaga minn fejn ġew il-flus mislufa lill-intimat, iżda l-Qorti hija mistennija tgħaddi ġudizzju fuq il-provi miġjuba quddiemha, u din il-Qorti ma sabet l-ebda prova oħra in atti, għajr il-kelma tar-rikorrent u l-ittra datata disgħa (9) ta' Settembru 2019 (**Dok SA1** a fol 219 tal-proċess), illi r-rikorrent kien f'qagħda finanzjarja illi jislef is-somma ta' €89,000;

37. In oltre, għalkemm ir-rikorrent konsistentement jgħid illi huwa kien sellef dawn il-flus lill-intimat għaliex fdah stante illi l-intimat huwa *accounts clerk*, din il-Qorti ssibha diffiċli illi temmen illi r-rikorrent kien lest jaqbad u jgħaddi s-somma ta' €89,000 – u mingħajr imgħax! – lil persuna illi kien għad għadu kemm sar jafha tramite terz, u għalhekk bilkemm kellu konoxxenza tagħha. Huwa minnu illi r-rikorrent jgħid fl-affidavit tiegħu illi lill-intimat kien diġa sellfu €10,000 mingħajr imgħax fis-sena 2019[23], u cioe qabel avviċinah Gilbert Dimech u qallu illi Deguara ried jissellef xi flus, iżda din ix-xhieda mhi, fil-fehma tal-Qorti, xejn konvinċenti, stante illi li kieku l-intimat kien diġa ssellef il-flus mingħand ir-rikorrent, il-loġika u s-sens komun jiddettaw illi l-intimat kien imur direttament għand ir-rikorrent minn jeddu sabiex jerġa' jissellef il-flus, u mhux juża intermedjarju. Dan naturalment mingħajr ma jerġa jiġi senjalat, għal darb'oħra, illi <u>ma nġabet l-ebda prova</u>, għajr il-kelma tar-rikorrent, illi r-rikorrent kien verament sellef lill-intimat €10,000 mingħajr imgħax qabel Novembru 2019;

---

[22] A fol 352 *et seq* tal-proċess

[23] Para 2 f'**Dok AF** a fol 216 tal-proċess

38. Konsegwentement, din il-Qorti ssibha diffiċli illi temmen il-verżjoni tar-rikorrent, illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma rnexxilux jipprova b'mod ċar illi l-ammont misluf kien fis-somma ta' €89,000;

39. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi l-verżjoni tal-intimat, kif mogħtija fl-affidavit tiegħu[24] u fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami[25], għalkemm f'xi waqtiet ukoll neboluża, hija parzjalment korraborata mix-xhieda ta' **Gilbert Dimech**, illi jgħid illi Agius, *"Darba kien tani disgħa u għoxrin mingħajr imgħax."*, u jikkjarifika illi r-rikorrent kien sellfu €29,000. Mistoqsi x'kellu x'jaqsam ma' dawn il-flus l-intimat, Dimech wieġeb, *"Konna ġibnihom flimkien. Kien għamel bħal tajjeb għalihom hu."*[26] Mistoqsi kif għamillu tajjeb għalihom l-intimat, Gilbert Dimech iwieġeb, *"B'firma biss. Għamilli firma. [...] Fuq karta."* Issa jirriżulta mix-xhieda tan-**Nutar James Grech** illi dakinhar illi ġiet iffirmata l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, kienu l-partijiet fil-kawża illi marru quddiemu, b'dana għalhekk illi ġie eskluż illi Gilbert Dimech kien preżenti meta ġiet iffirmata l-iskrittura; iżda dan ma jxejjinx ix-xhieda ta' Dimech, speċjalment meta korraborata mill-verżjoni tal-intimat, u b'kuntrast mal-verżjoni xejn konvinċenti tar-rikorrent illi r-rikorrent kien lest jgħaddi s-somma ta' €29,000 lill-intimat f'Jannar / Frar 2020, meta kien għadu lanqas biss beda jitħallas mill-intimat fuq l-ammont oriġinarjament misluf fis-somma illi jallega illi kienet ta' €60,000. Il-Qorti osservat illi Gilbert Dimech ma kkoperax wisq minn fuq il-pedana tax-xhieda, u infatti kien hemm waqtiet fejn ix-xhud ma kien xejn konvinċenti; anzi ta lill-Qorti l-impressjoni illi kien qiegħed joqgħod lura milli jagħti l-fatti kif verament ġraw. Infatti ma kienx faċli għall-abbli difensuri tal-partijiet illi jikkonduċu l-eżami u l-kontro-eżami ta' dan ix-xhud sabiex jottjenu l-fatti kif ġraw. Għaldaqstant, il-fatt illi Dimech offra din l-informazzjoni minn jeddu jirrendi, fil-fehma tal-Qorti, din l-informazzjoni bħala informazzjoni illi din il-Qorti tista' tistrieħ fuqha;

---

[24] A fol 18 *et seq* tal-proċess
[25] A fol 228 u 251 tal-proċess
[26] A fol 37 *et seq* tal-proċess

40. Din il-Qorti għalhekk tasal tikkonkludi illi huwa minnu illi s-somma ta' €89,000 kienet tirrappreżenta in kwantu għas-somma ta' €29,000 dejn allegatament dovut minn Gilbert Dimech, u s-somma ta' €60,000 dejn allegatament dovut mill-intimat.

<u>Il-Garanzija għad-Dejn ta' Dimech</u>

41. Ir-rikorrent jinsisti illi gialadarba l-intimat iffirma l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, huwa l-intimat illi għandu jirrifondi s-somma globali ta' €89,000. Mill-banda l-oħra, l-intimat isostni illi l-kunsens tiegħu fuq din is-somma kien vizzjat bil-biża' ta' vjolenza, u kien għalhekk illi huwa ffirma l-iskrittura;

42. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tara jekk hux minnu illi l-kunsens tar-rikorrent kien vizzjat bi vjolenza, din il-Qorti tqis illi jkun għaqli illi tgħaddi sabiex tindirizza s-somma ta' €29,000 lli jidher illi kien dejn ta' Gilbert Dimech fil-konfront tar-rikorrent;

43. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat jgħid, *"Bejn dakinhar tan-Nutar Arapa u l-ġurnata li ħadni għand in-Nutar Grech, Steve kien qalli li kien hemm ix ħaddieħor jafu l-flus, ċertu Gilbert Dimech – qalli li se jaqbad il-flus li jafu Gilbert u jgħoddhom daqslikieku huma dejn tiegħi. Dan kien fl-ammont ta' €29,000"*. Hekk kif diġa rajna aktar 'il fuq, Gilbert Dimech jikkorrabora dan il-fatt, u jgħid illi l-intimat kien daħal garanti għalih per forza ta' firma, cioe bl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Jidher għalhekk illi filwaqt illi l-intimat u Dimech qed jaqblu dwar is-somma ta' €29,000 u l-fatt illi tali somma kienet dejn dovut minn Dimech, l-intimat qiegħed jgħid illi r-rikorrent qallu illi huwa kellu jassumi d-dejn ta' Dimech, filwaqt illi Dimech qed jgħid illi l-intimat kien daħal garanti għalih;

44. L-Artikolu 1925 tal-Kap 16 jgħid:

> *1925. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.*

In oltre, imbagħad, l-Artikolu 1929 jistabbilixxi illi:

> *1929. Il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata.*

filwaqt illi l-Artikolu 1934 isostni illi:

> *1934. Il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu.*

45. Fil-każ odjern, ma nġabet l-ebda prova illi Dimech ma kienx kapaċi jissodisfa d-dejn li kellu fil-konfront tar-rikorrent hu nnifsu, u lanqas inġabet xi prova illi Dimech ġie eskuss fuq il-beni tiegħu. In oltre, u forsi aktar importanti minn hekk, ħarsa lejn l-iskrittura redatta bejn il-partijiet turi biċ-ċar illi mkien fiha ma ġie espressament dikjarat illi l-intimat kien qiegħed jassumi d-dejn ta' Dimech, jew kien b'xi mod qed jidħol garanti għalih. Tabilħaqq, din il-Qorti ġiet biss a konjizzjoni tal-fatt illi s-somma ta' €89,000 kienet tinkludi d-€29,000 dovuti lir-rikorrent minn Dimech tramite x-xhieda ta' Dimech stess, kif korraborata mill-verżjoni tal-intimat, u mhux mill-kontenut tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Se mai, jekk kellu jidħol garanti l-intimat għal Dimech, kellha titressaq fl-ewwel lok prova ta' skrittura jew att pubbliku illi permezz tiegħu kien ikun ġie dikjarat illi Dimech kien debitur tar-rikorrent, u illi l-intimat kien ser jidħol garanti għall-istess Dimech, u dan fit-terminu tal-Artikolu 123(1)(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

46. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tistax tqis illi l-intimat daħal garanti għal Dimech;

47. Mill-banda l-oħra, f'dik illi hija assunzjoni personali ta' dejn, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Attard & Co Limited vs MA Supermarkets Limited et**[27]:

> *[K]if qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bartolo vs Vigo" deciza fis-7 ta' Gunju, 1929, (Vol. XXVII.1.817) "l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura giuridica diversa dalla fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazione del debitore".*
>
> *Dan il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero', tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti. Il-fatt li persuna, per ezempju, tofri biex thallas dejn ta' haddiehor, ma jfissirx li dik il-persuna assumiet dak id-dejn hi. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Zammit vs Frendo Azzopardi" deciza fl-14 ta' Mejju, 1943, "biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' hadd iehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn".*
>
> *[...]*
>
> *Kif inghad, jehtieg li jkun hemm provi aktar cari qabel ma l-Qorti tikkonkludi li persuna individwali assumiet fuq isimha dejn ta' haddiehor. Fil-kawza "Catania vs Engerer" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27*

[27] Ċit Nru 34/2002/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Tonio Mallia, 20 ta' Marzu 2003 (in ġudikat)

*ta' April, 1988, l-attur kien allega li l-konvenut huwa wkoll personalment responsabbli ghad-dejn tal-kumpanija peress li kien hu li iffirma ghall-ordni. Il-Qorti qalet li, mhux biss garanzija trid tirrizulta bil-miktub, izda l-firma tal-konvenut mhux bizzejjed biex hi tikkonkludi li assuma xi obbligazzjoni personalment.*

48. Issa fil-każ odjern, huwa minnu illi l-intimat iffirma l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda minn imkien ma jirriżulta illi l-intimat kien aċċetta illi jassumi d-dejn ta' Dimech. Infatti, l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tgħid biss illi, *"Permezz ta' din l-iskrittura, id-Debitur qiegħed jikkostitwixxi ruħu debitur veru, ċert u likwidu għaf-favur tal-Kreditur versu s-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000), liema somma diġa' ġiet mogħtija lid-Debitur f'self brevi manu f'diversi pagamenti."*[28] b'dana għalhekk illi l-assunzjoni ta' dejn ċertament illi ma tirrużultax mill-kitba, u lanqas ġiet f'xi punt allegata mir-rikorrent. Gilbert Dimech jgħid illi l-intimat daħal garanti għalih, f'liema każ għalhekk, se mai, jekk effettivament kien hemm xi ftehim bejn l-intimat u Dimech, dan kien illi l-intimat kien ser jidħol garanti għal Dimech, bl-implikazzjonijiet kollha illi ġġib magħha garanzija, u mhux illi kien ser jassumi d-dejn tiegħu. Finalment, l-intimat isostni illi huwa kien debitur tar-rikorrent fis-somma ta' €45,000 biss, b'dana għalhekk illi l-intimat qiegħed jiċħad illi huwa assuma personalment illi jħallas xi dejn ta' Dimech;

49. Għaldaqstant, ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti rat illi, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jitlob lill-intimat iħallas id-dejn dovut lilu minn Dimech. Dan stante illi, la ġie pruvat illi l-intimat daħal garanti għal Dimech, u lanqas ġie pruvat illi l-intimat assuma d-dejn ta' Dimech. **Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi s-somma illi fiha l-intimat jista' jitqies debitur tar-rikorrent, ma tista fl-ebda każ tkun akbar mis-somma ta' €60,000**.

[28] **Dok A** a fol 5 tal-proċess

Il-Kunsens tal-Intimat

50. Dwar talba għan-nullita' ta' kuntratt imsejsa fuq vizzju tal-kunsens bi vjolenza, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Edgar G Soler noe et vs H. H. Sir David Campbell noe***[29]:

> *Illi skond il-liġi, il-vjolenza hija kawża ta' nullita tal-kuntratt għaliex tostakola l-liberta' tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minaċċi eżerċitati kontra persuna biex jiġi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx tagħti. Hu pero' neċessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt; jiġifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jiġi annullat minħabba l-vjolenza jeħtieġ li l-kunsens ta' waħda mill-partijiet ikun ġie estratt bi vjolenza; fi kliem ieħor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza eżerċitata li tottjeni dak il-kunsens … u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' vjolenza eżerċitata biex jiġi raġġunt skop divers. Mhux biżżejjed li l-kunsens jiġi mogħti u l-kuntratt ikun sar taħt pressjoni ta' forza nsormontabbli għal dak li jkun ta l-kunsens; għaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u għalhekk – proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista ġuridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li teżerċitaha biex tottjeni l-kunsens.*

51. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Joseph Mifsud vs Justin Mifsud***[30], il-Qorti rat ukoll jekk stat ta' ansjeta' jwassalx sabiex il-kunsens ikun vizzjat, u dan b'referenza għal żewġ sentenzi tal-Qrati nostrana kif isegwi:

[29] Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Gouder, 29 t'Ottubru 1949, Kollez Vol XXXIII.ii.431 (in ġudikat)
[30] Rik Ġur 219/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ R G Mangion, 31 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

*[Fi]s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Joseph Busuttil noe vs. Anthony Zahra*** *(Ċit 893/1993) deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:*

*"il-minaċċja trid tkun gravi u determinanti, b'mod li tinfiċċja fuq il-kunsens ta' dak il-kontraent; irid jirriżulta wkoll li dak il-kontraent kien f'pożizzjoni li ma setax jeħles mill-vjolenza jekk mhux billi jiffirma dik l-obbligazzjoni impoġġija quddiemu […] Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Camilleri vs Vella", deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2003, l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddieda ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."*

*Ta' rilevanza partikolari għall-każ odjern huwa dak li jingħad fis-sentenza* ***Conrad Gatt et vs. George Xuereb et*** *(Ċit Nru 443/2001) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2017:*

*"Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor [P.A. 29.10.1949 fil-kawża fl-ismijiet* ***Soler noe vs Campbell noe*** *(Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha [P.A. GV 30.6.2000 fil-kawża* ***Francis***

> ***Scicluna vs Dominic Cutajar** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.4.2004)]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha [P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et** (mhix appellata)]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel [App. Ċiv. 9.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella**];"*

52. Il-konvenut jgħid fl-affidavit tiegħu[31]:

> *18. Ħmistax wara n-Nutar Arapa, iġifieri fit-30 ta' Diċembru 2020, ġie għalija d-dar. Qalli li se jeħodni għand Nutar ieħor. Din id-darba morna għand in-Nutar James Grech. Qabel ma dħalna, reġa' qalli illi jekk ngħid kelma, żgur li se jkissirli wiċċi. Wara li dħalna għand in-Nutar, bilkemm għidt kelma waħda – kemm tajt id-dettalji tiegħi lin-Nutar u ffirmajt.* ***Ir-raġuni kienet għaliex bdejt nibża' li se jħebb għalija hemmhekk stess.*** (Emfasi miżjuda)

53. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi l-intimat jidher illi kien taħt pressjoni sabiex jirrifondi s-somma lilu mislufa, u ma teskludix illi s-sitwazzjoni li kien fiha kienet poġġietu fi stat ta' ansjeta'; madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi ġie ampjament pruvat, sal-grad rikjest mil-liġi u fit-termini ta' ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, illi l-kunsens tal-intimat ġie estratt bi vjolenza. Infatti, l-intimat ma marx jagħmel rapport mal-Pulizija wara illi l-intimat ħadu

[31] A fol 20 tal-proċess

għand in-Nutar Arapa, jew wara illi ġiet iffirmata l-iskrittura quddiem in-Nutar Grech, iżda wara illi r-rikorrent u ħuh marru d-dar tiegħu, b'dana għalhekk illi jidher illi kien biss wara illi r-rikorrent u ħuh marru d-dar tiegħu illi l-intimat ħass illi kien f'periklu ta' gravita' biżżejjed illi kellu jitlob l-għajnuna tal-Pulizija.

<u>Imgħax bl-Użura</u>

54. Jonqos issa illi jiġi indagat jekk is-somma ta' €60,000 kinitx verament somma globali mislufa mingħajr imgħax, kif isostni r-rikorrent, jew kinitx komposta minn somma mislufa ta' €45,000 u imgħax bl-użura fis-somma ta' €15,000;

55. Jibda biex jingħad illi, hekk kif ġa ingħad aktar 'il fuq, ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova, għajr il-kelma tiegħu stess, illi huwa sellef lill-intimat is-somma ta' €60,000 f'Novembru 2019. Din il-Qorti tqis pjuttost inverosimili li kien lest jgħaddi s-somma ta' €60,000 lil persuna illi huwa ftit li xejn kellu konoxxenza tagħha mingħajr imgħax. Aktar tqis kredibbli l-verżjoni tal-intimat, u cioe illi ssellef is-somma ta' €25,000 mingħand ir-rikorrent f'Novembru 2019, u eventwalment, wara li kien diġa beda jħallas id-dejn oriġinali, issellef €10,000 f'Mejju 2020 u €10,000 oħra f'Lulju 2020;

56. Dan iressaq lil din il-Qorti li tasal li temmen lill-intimat meta jgħid illi d-dejn illi fuqu saret l-iskrittura sar b'ammont ta' flus fittizji, fejn l-ammont hemm indikat mhux talli kien jinkludi dejn dovut minn Dimech, illi, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, ma ġiex pruvat illi kien qed jiġi assunt mill-intimat, iżda talli kien saħansitra minfuħ sabiex jgħatti imgħax b'użura;

57. Ġie ritenut f'ċirkostanzi simili fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rosario Cortis vs Angelo Farrugia et*** hawn fuq ċitata:

> *33. Għalkemm huwa minnu li kif ingħad mill-attur appellat, li l-konvenuti ffirmaw l-iskritturi privati, fejn*

*ikkostitwixxu ruħhom bħala debituri tal-attur fl-ammonti hemm indikati, filwaqt li sar ukoll kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-kontendenti fil-kawża u ġaladarba n-Nutar qara u spjega l-kontenut tagħhom setgħu ma jiffirmawhomx, jew jitolbu korrezzjoni, dan ma jfissirx li l-kuntratt huwa wieħed legalment validu. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Michael Ciappara et noe v. Francis Mifsud et noe*** *(ikkonfermata minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2008):*

*"Jinsab ritenut li "Fil-kaz ta' uzura gie dejjem ritenut illi l-obbligazzjoni hija illecita ghall-mutwant ghaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi jekk mhux dejjem ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" [App. C. Carmelo Lia vs Emanuel Genovese] "Kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghall-fini tieghu li jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" [QK Louigi Formosa vs Antonia Gatt]*

*..Illi dak li hu projibit mill-ligi ma jista' qatt jigi legalment accettat anke jekk kamuffat taht xi forma guridika li fl-apparenza taghha tkun tidher li hi valida. Fi kliem iehor, u konformament mal-principji fuq citati, jekk ftehim ikun in toto jew in parte bazat fuq kawza illecita jew illegali, dan ma jistax jassumi ebda validita` fil-ligi semplicement ghax jissejjah "Kostituzzjoni ta' debitu"."*

*Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, dak li huwa espressament ipprojbit mil-liġi ma jista' qatt jitqies validu. Kif ingħad fis-sentenza hawn appena ċitata, l-użura hija llegali u riżultat ta' dolo u l-prova tista' ssir bi kwalunkwè*

*mezzi. F'dan il-każ ukoll, jirriżultaw indizji u ċirkostanzi li din il-Qorti taċċetta bħala prova tal-użura.*

58. L-Artikolu 1852 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:-

> *(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.*
>
> *(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*

In oltre, imbagħad, l-Artikolu 986 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi, "*kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed.*"

59. Għaldaqstant, hekk kif intqal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe***[32]**:**

> *L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti" ta' 8%.*
>
> *Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax.*

---

[32] Rik Nru 638/07, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Jannar 2017

60. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti tqis għalhekk illi l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata ogħla mit-8% permessa mil-liġi, u cioe ta' €15,000 fuq €45,000, hija nulla, b'dana illi l-intimat m'huwiex obbligat illi jħallas imgħax f'dan l-ammont;

61. L-Artikolu 1849 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *1849. Ma hemmx imgħax għall-mutwu jekk ma jkunx miftiehem, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikoli 1139 u 1140, kemm-il darba min jissellef ma jroddx il-ħwejjeġ lilu mislufa fiż-żmien miftiehem, jew fiż-żmien illi, meta ma jkunx hemm ftehim, jiġi mogħti mill-qorti.*

62. Huwa minnu illi, fil-każ odjern, fl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie miftiehem illi, *"Id-Debitur jobbliga ruħu li jħallas dan l-ammont sħiħ mingħajr imgħax sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Marzu 2021"*, b'dana illi ngħatat l-impressjoni illi s-self in eżami kien xi wieħed gratuwitu, kif isostni b'mod konsistenti r-rikorrent. Madanakollu, din il-Qorti rat illi l-volonta' tal-partijiet tindika mod ieħor, u dan: (A) mill-fatt innifsu illi rriżulta lil din il-Qorti illi l-ammont globali fl-iskrittura kien jinkludi, *inter alia*, imgħaxijiet b'użura; (B) mill-fatt illi l-istess klawsola hawn riprodotta tista' tiġi interpretata illi l-ftehim illi s-self ikun mingħajr imgħax kellha tapplika biss jekk ir-rifużjoni tal-ammont sħiħ issir sal-31 ta' Marzu 2021, wara liema data kellu jibda jiddekorri imgħax; (C) mill-fatt illi, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-klawsola kif spjegat f'(B) tissaħħaħ bil-fatt illi fil-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed infatti jitlob imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sa mill-31 ta' Marzu 2021; u (D) mill-fatt illi l-intimat stess, fil-kalkoli tiegħu f'**Dok X1**, jinkludi imgħaxijiet bir-rata ta' 8%. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi għandu jitħallas imgħax fuq is-somma likwidata bħala dejn illi għadu dovut fil-każ odjern;

63. Fit-termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap 16, l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Għaldaqstant,

din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent għal imgħax dekorribbli mill-31 ta' Marzu 2021, iżda tista' biss takkorda imgħax mid-data tar-rikors ġuramentat, u cioe s-27 ta' Settembru 2021, sad-data tal-effettiv pagament. Dan stante illi ma jirriżultax lil din il-Qorti illi kien hemm xi sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju ieħor qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Pagamenti Akkont mill-Intimat

64. L-intimat isostni illi hu għamel diversi ħlasijiet akkont, u jallega illi effettivament, meta wieħed jgħodd il-ħlasijiet illi saru, jirriżulta illi huwa ħareġ somma ferm akbar minn dik illi hija effettivament dovuta;

65. Din il-Qorti rat id-**Dok X1**[33] illi l-intimat esebixxa bil-ħlasijiet illi huwa qed isostni illi għamel akkont. Din il-Qorti rat il-kopji taċ-ċekkijiet esebiti mill-intimat mal-affidavit tiegħu, a fol 21 *et seq* tal-proċess, u qabblithom mal-i*Statement of Account* tal-intimat u ma' **Dok X1**, sabiex tara liema minn dawk iċ-ċekkijiet imsemmija f'**Dok X1** effettivament issarrfu, u l-Qorti waslet għas-segwenti konklużjonijiet:

| Ċekk Nru | Ammont | Data li fiha ssarraf | Fol Nr. |
|---|---|---|---|
| 1461 | € 2,500 | 20/01/2020 | 21; 170 |
| 1463 | € 2,500 | 20/03/2020 | 22; 176 |
| 1636 | € 1,000 | 11/06/2020 | 23; 182 |
| 1637 | € 1,000 | 17/07/2020 | 24; 185 |
| 1638 | € 1,000 | 11/08/2020 | 25; 188 |
| 1639 | € 1,500 | 11/09/2020 | 191 |
| 1643 | € 1,000 | 22/07/2020 | 26; 186 |
| 1645 | € 1,000 | 05/10/2020 | 27; 192 |
| 1646 | € 1,000 | 19/10/2020 | 28; 193 |
| 1648 | € 1,000 | 20/08/2020 | 29; 189 |
| **TOTAL** | **€ 13,500** | | |

[33] A fol 271 *et seq* tal-proċess

Lil din il-Qorti ma rriżultalhiex illi ssarrfu ċ-ċekkijiet l-oħra msemmija f'**Dok X1**, u cioe ċ-ċekkijiet numri 1464, 1465, 1466, 1641, 1642, 1644 u 1635. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tqis il-valuri ta' dawn iċ-ċekkijiet bħala pagamenti akkont. Din il-Qorti rat illi fix-xhieda tiegħu l-intimat sostna illi kien hemm drabi fejn hu ħareġ ċekk, u r-rikorrent talbu flus kontanti minflok iċ-ċekk. Madanakollu, din il-Qorti rat illi ma nġabet l-ebda prova konkreta ta' pagamenti illi għaddew fi flus kontanti, bħal per eżempju xi irċevuti. Saħansitra lanqas mill-i*Statement of Account*[34] tal-unika kont mal-Bank of Valletta plc illi għandu l-intimat[35] ma jirriżulta illi ġew miġbuda xi flus illi jistgħu jqarrbu għall-ammonti fi flus kontanti illi l-intimat jgħid li għadda lir-rikorrent. L-intimat, illi kellu l-oneru illi jġib il-prova illi saru l-pagamenti, lanqas indika jekk hemmx xi transazzjonijiet fl-i*Statement of Account* illi effettivament jirrappreżentaw parti mis-somma jew is-somma kollha illi huwa kien qiegħed jgħaddi lir-rikorrent fi flus kontanti. Anzi, il-Qorti rat illi lanqas kieku ried, l-intimat ma jidhirx illi kien f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed illi jiġbed l-ammonti fi flus kontanti illi jsostni illi huwa għadda lir-rikorrent;

66. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' biss tikkonkludi illi saru pagamenti akkont fl-ammont globali ta' **€13,500**, b'dana għalhekk illi l-ammont illi għadu dovut lir-rikorrent huwa fis-somma globali ta' **wieħed u tletin elf u ħames mitt Ewro (€ 31,500), b'imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-27 ta' Settembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Decide**

67. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

[34] **Dok JB1** a fol 86 *et seq* tal-proċess
[35] Skont ix-xhieda ta' **Johanna Bartolo** a fol 84 tal-proċess

(ii) **<u>Tilqa’ *in parte* t-tieni talba</u>** tar-rikorrent u tiddikjara illi Carmel sive Charles Deguara huwa debitur tar-rikorrent Steve Agius, mhux fis-somma ta’ disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000), iżda fis-somma ta’ **wieħed u tletin elf u ħames mitt Ewro (€31,500)**;

(iii) **<u>Tilqa’ *in parte* t-tielet talba</u>** tar-rikorrent u tikkundanna lil Carmel sive Charles Deguara sabiex iħallas lir-rikorrent Steve Agius is-somma ta’ wieħed u tletin elf u ħames mitt Ewro (€31,500), bl-imgħax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Settembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu bin-nofs (1/2) bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**